**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 6 ta' Ġunju 2024**

**Kawża Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 153/2024 JVC**

**L-Avukat Dottor Joseph Mark Grech [K.I: 373391(M)] bħala mandatarju speċjali ta' Anna Viktorovna Gracheva [K.I: 358916(L)]**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Dr Joseph Mark Grech nomine talab kif isegwi:

1. ‘Illi ir-rikorrenti twieldet bħala Anna Victorovna Pirogova, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid Russu, kopja ta’ liem qiegħda tiġi hawn annessa flimkien ma traduzzjoni għall-Ingliż u mmarkata bħala Dok. A-001, kif ukoll kopja taċ-ċertifikat tat-twelid Malti li jikkonferma l-istess kunjom xebba tar-rikorrenti, hawn anness u mmarkat bħala Dok A-002.

2. Ir-rikorrenti żżewġet lil Pavel Sergeevich Grachev nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta’ Diċembru tal-elfejn u erbgħa (2004) u għażlet li tieħu kunjom żewġha u ċioé Grachev (fil-femminil ‘Gracheva’) u dan kif ikkonfermat minn kopja taċ-ċertifikat li jivverifika l-validitá ta’ dan iż-żwieġ flimkien ma traduzzjoni għall-Ingliż hawn annessa u mmarkata bħala Dok A-003).

3. Illi r-rikorrenti saret ċittadina sħiħa tar-Repubblika ta’ Malta fl-erbatax (14) ta’ Lulju tal-elfejn u sittax (2016) (Doc A-004), u kienet fil-fatt magħrufa b’kunjoma fiż-żwieġ, u ċioé, Gracheva, u dan kif jirriżulta minn kopji tal-karta tal-identitá u l-passaport ta’ Malta tar-rikorrenti (Dok A-005-006)

4. Permezz ta’ sentenza mogħtija nhar il-ħamsa (5) ta’ April tal-elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u li ġie fis-seħħ fis-sitta (6) ta’ Mejju tal-elfejn u tnejn u għoxrin (2022) mil-Qorti tad-distrett numru 359, Basmanny District, City of Moscow, ġie maħlul iż-żwieġ bejn ir-rikorrenti u Pavel Sergeevich Grachev u dan kif jirriżulta minn kopja ta’ estratt mis-sentenza hawn fuq ċitata (Dok A-007), liema divorzju konsegwentement ġie rreġistrat mar-Reġistru Pubbliku ta’ Malta u dan kif jirriżulta mill-annotazzjonijiet fuq l-att taż-żwieġ, kopja ta’ liem qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala Dok A-008.

5. Fil-proċedura ta’ divorzju, ir-rikorrenti kienet għażlet li tibqa żżomm kunjomha ta’ miżżewġa, u ċioé, Gracheva, u dan kif anke jirriżulta miċ-ċertifikat li permezz tiegħu ġie kkonfermat

id-divorzju ġewwa r-Russja, li qiegħed jiġi hawn anness flimkien ma traduzzjoni għall-Ingliż u mmarkat bħala Dok A-009.

6. Minkejja s-suespost, ir-rikorrenti tixtieq li terġa lura għal kunjomha xebba, u ċioé, Pirogova, proċess li r-rikorrenti diġa għamlet ġewwa l-pajjiż t'oriġini tagħna, u ċioé l-Federazzjoni tar-Russja, u dan kif jirriżulta minn kopja ta' *Name Change Certificate* li nħareġ fil-wieħed u tletin (31) ta' Awissu tal-elfejn u tlieta u għoxrin (2023), kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok A-010. Il-konklużjoni b'suċċess ta' dan il-proċess jinsab pruvat ukoll bil-fatt li r-rikorrenti llum tuża dokumentazzjoni uffiċjali tar-Russju li fuqu hemm indikat kunjoma xebba, inkluż fuq il-passaport internazzjonli Russu tar-rikorrenti, u wkoll il-passaport intern Russu tar-rikorrenti, kopji ta' liem qiegħdin jiġu hawn annessi flimkien ma traduzzjoni għall-Ingliż u mmarkati bħala Dok A-011 u Dok A-012, kif ukoll, kopja tal-liċenzja tas-sewqan Russa tar-rikorrenti, wkoll bit-traduzzjoni għall-Ingliż, hawn annessa u mmarkata bħala Dok A-013.

7. Flimkien ma dan ir-rikors ġuramentat, ir-rikorrenti qiegħda tippreżenta wkoll numru ta' dokumenti li juru kif ir-rikorrenti diġa għanda l-kunjom Pirogova rreġistrat bħala l-kunjom uffiċjali tagħha ma numru ta' awtoritajiet Russi, bħal:

   a. Kopja ta' dokument maħruġ *Multifunctional Centers for the provision of public services* fil-belt ta' Moskow li tikkonferma n-numru tas-sigurtà soċjali tar-rikorrenti, flimkien ma' traduzzjoni bl-Ingliż (Dok A – 014).
   b. Kopja ta' estratt mir-reġistru tal-intraprendituri, flimkien ma' traduzzjoni għall-Ingliż (Dok A – 015).
   c. Kopja ta' estratt mir-Reġistru tal-Artijiet fir-Russja li tikkonferma li r-rikorrenti hija s-sid ta' appartament

partikolari, flimkien ma' traduzzjoni bl-Ingliż (Dok A – 016).

d. Kopja ta' ċertifikat bin-numru tat-taxxa assoċjat mar-rikorrenti fil-Federazzjoni Russa maħruġa mill-awtoritajiet tat-taxxa Russi, flimkien ma' traduzzjoni bl-Ingliż (Dok A – 017).
e. Kopja tal-kondotta tar-rikorrent, flimkien ma' traduzzjoni bl-Ingliż (Dok A – 018).
f. Kopja ta' ittra maħruġa mill-bank AO Raiffeisenbank (Dok A – 019).

8. Ir-rikorrenti għalhekk tixtieq li anke lokalment ġewwa Malta, hija tkun tista tmur lura għal-kunjoma xebba, u dan kif tippermetti l-liġi nostrana. Għalhekk din il-kawża qiegħda ssir ai termini tal-artikoli 66L(4)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 62 tal-istess Kapitolu, kif ukoll ai termini tal-artikoli 253 *et seq* tal-istess Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġibha:

1. **Tawtorizza** lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha u **tiddikjara** ai finijiet u l-effetti kollha tal-liġi li kunjom l-esponenti għandu jkun 'Pirogova' u mhux aktar 'Gracheva' li hija addotat maż-żwieġ.

2. **Tordna** lill-intimat jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fl-att taż-żwieġ (anness u mmarkat Dok A-005) bin-numru progressiv 2168 tas-sena elfejn u sittax (2016) sabiex jirrifletti din il-bidla fil-kunjom tar-rikorrent.'

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi jibda billi jingħad li la darba l-kawża mressqa mir-rikorrenti qed issir bil-għan illi tintalab korrezzjoni ta' Att tal-Istat Ċivili, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew dikjarati fir-rikors promotur;

3. Illi mill-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv numru **2168/2016**, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. B, jirriżulta illi l-attriċi żżewġet lil Pavel Sergeevich GRACHEV fir-Russja nhar il-25 ta' Diċembru 2004, u li maż-żwieġ hija ddikjarat illi sejra tieħu l-kunjom 'GRACHEVA';

4. Illi sussegwentament skont l-annotazzjoni datata 10 ta' Awwissu 2022, jidher illi saret reġistrazzjoni tad-divorzju esteru tar-rikorrenti noe u dan a bażi taċ-ċertifikat ta' divorzju maħruġ mir-Russja fuq liema ċertifikat ma hemm ebda indikazzjoni li l-mara rrivertiet għal kunjom xbubitha. In vista ta' dan **ma sar ebda żball mid-Direttur tar-Reġistru**

**<u>Pubbliku</u>** meta ġie reġistrat l-imsemmi divorzju mingħajr bidla fil-kunjom tar-rikorrenti noe;

**5.** Illi mir-rikors promotur jirriżulta li l-attriċi trid tirriverti għal kunjom xbubitha. Hija tippreżenta *Name Change Certificate* mar-rikors promotur fejn jidher illi hija bidlet kunjoma wara l-ippronunzjar tad-divorzju minn 'GRACHEVA' għal 'PIROGOVA' nhar il-31 t'Awwissu 2023. L-attriċi ppreżentat ukoll numru ta' dokumenti uffiċjali oħrajn fosthom passaport Russu li jindika kunjomha bħala 'PIROGOVA' u kopja ta' liċenzja tas-sewqan li tirrifletti tali tibdil;

**6.** Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, anke in vista tad-dispozizzjonijiet fl-Artikolu 62 u l-Artikolu 66L(4) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**7.** Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti**;

**8.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 97 tal-proċess.

Rat illi llum stess il-partijiet iddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat illi effettivament mid-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat jirriżulta li llum il-ġurnata r-rikorrenti ġewwa r-Russja bidlet kunjomha għall-kunjom Pirogova.

Rat l-affidavit eżebit fl-atti tal-istess rikorrenti fejn hija tispjega r-raġuni għalfejn wara illi hija ddivorzjat għamlet talba sabiex tirriverti għall-kunjom Pirogova.

Illi fiċ-ċirkostanzi illi r-rikorrenti hi diġa rikonoxxuta b'dan il-kunjom f'pajjiż esteru kif evidenzjat minn bosta dokumentazzjoni fl-atti l-Qorti tqis illi t-talbiet tagħha huma gustifikati u ser tgħaddi biex tilqa' l-istess.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha u tiddikjara ai finijiet u l-effetti kollha tal-liġi li kunjom ir-rikorrenti għandu jkun 'Pirogova' u mhux aktar 'Gracheva' li hija addotat maż-żwieġ.

3. Tilqa' t-tieni talba w tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fl-att taż-żwieġ (anness u mmarkat Dok A-005) bin-numru progressiv 2168 tas-sena elfejn u sittax (2016) sabiex jirrifletti din il-bidla fil-kunjom tar-rikorrenti.

4. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**6 ta' Ġunju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**6 ta' Ġunju 2024**